KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

30 t'April 2013

# LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tas-Sbatax-il Laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah is-**Sbatax (17)-il** Laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar il-Erbgha 17 ta' April 2013 fil-5.30pm.**

Is-Sbatax (17)-il laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana inzammet b'din l-agenda :-

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti imqajjma mill-minuti
3. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
4. Mistoqsijiet lis-Sindku
5. Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati
6. Rapporti minn Ufficjali tal-Kunsill
7. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet
9. Approvazzjoni tal-Pjan ta'Hidma 2013-2015
10. Assenjazzjoni ta` Karigi
11. Bankini Triq il–Kapuccini
12. Bollards Triq il-Miratur
13. BookBox
14. Gardmed
15. Jum il-Floriana
16. Memos Interni
17. NYE + Christmas Village
18. Laqghat Pubblici Triq Triq
19. Skemi tal-Housing
20. Gnien KGV
21. Sport Awards
22. Jum dinji tal-Ktieb
23. Courses Godda
24. Tindif u Zamma tal-Gonna
25. Zjara F'Macerata
26. Gnien il-Mall
27. Asfaltar u Bankini f'Balzunetta
28. Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat
29. Housing fil-Floriana
30. Aggornament tal-Laqgha

Ghas-Sbatax (17)-il laqgha tas-Sitt Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Nigel Holland, il-Vici Sindku Matthew Paris, il-Kunsillier Vincent Borg, il-Kunsillier Edward Torpiano u l-Kunsilliera Davina Sammut Hili flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv assistit mill-iskrivana E. Theuma.**

**Bidu tal-laqgha:**

Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.
Is-Sindku Nigel Holland talab lill-Kunsill sabiex tigi ddedikata minuta ta' silenzju ghal ruh il-Kunsillier Anthony Brincat li kien gie nieqes dak l-ahhar xahar.
Wara l-minuta ta' silenzju, is-Sindku Nigel Holland kompla billi ta merhba lura fil-Kunsill lill-Kunsillier-il gdid Edward Torpiano u f'isem il-Kunsill awguralu l-hidma t-tajba.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tas-sittax (16)-il laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris talab li jigi rregistrat dak li ntqal fil-laqgha precedenti bhala materja nru 16.8 li ghandha taqra hekk "Il-Vici Sindku Matthew Paris ippropona li titnaddaf il-parti mitluqa biswit it-tennis court fil-KGV. Il-Kunsill qabel.nem con"

1.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris talab li ma' materja nru 17.4 jigi mizjud hekk "wara li kien hemm qbil fil-laqgha precedenti.

1.4 Il-Kunsillier Vincent Borg gibed l-attenzjoni li l-Kunsill kien iddecieda fil-laqgha precedenti li ghandu jigi kkuntattjat Luca Cauchi sabiex jaghmel l-esebizzjoni hu. Ghalhekk kien hemm qbil li issir korrezzjoni u tizdied il-frazi f'17.5 "u ma kienetx inghatat twegiba minn Dr Ray Debono Roberts".

1.5 Il-minuti msemmija f'1.1 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Vici Sindku Matthew Paris u ssekondata mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mill-Vici-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 2.0 Punti imqajjma mill-minuti

2.1 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-esebizzjoni mtella' ricentement u qalet li ladarba s-Sur Luca Cauchi kien diga gie avvicinat sabiex jaghmel l-esebizzjoni hu, thoss li kienet ingusta min-naha tal-Kunsill li l-Kunsill ma tellax l-esebizzjoni tieghu ladarba s-Sur Cauchi kien accetta.

2.1.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li hu fuq struzzjonijiet tal-istess Kunsill, kien ghamel kuntatt ma' Dr Ray Debono Roberts li sal-ahhar laqgha tal-Kunsill, kien ghadu ma tahx risposta. Il-Vici Sindku qal li Dr Ray Debono Roberts kien ikkonfermalu xi ftit tal-jiem wara li saret il-laqgha u minhabba li kien hemm zewg accettazzjonijiet minn zewg artisti, hu kien ippropona li jsiru z-zewg esebizzjonijiet taz-zewg artisti.

2.1.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li finalment, kien gie eliminat wiehed mill-artisti u ghalhekk xtaqet spjegazzjoni ghal dan ir-rizultat.

2.1.3 Is-Sindku Nigel Holland qal li hu kien sorpriz b'din il-problema minhabba li d-decizjoni tal-Kunsill fil-laqgha precedenti kienet li tittella' l-esebizzjoni tas-Sur Luca Cauchi biss u kien sorpriz li baqa' jsir il-kuntatt ma' Dr Ray Debono Roberts, ladarba kien deciz li peress li ma kienx hemm twegiba minghandu l-ghazla taqa fuq is-Sur Luca Cauchi.

2.1.4 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li l-kuntatt ma' Dr Debono Roberts kien sar precedentement ghal-laqgha.

2.1.5 Is-Sindku Nigel Holland qal li wara li tkellem mal-Corporate Events Officer tal-Kunsill kien gie nformat li ghal Luca Cauchi ma jimportax jekk l-esebizzjoni tieghu ma ssirx din is-sena.

2.1.6 Is-Sindku qal ukoll li sussegwentement Luca Cauchi kien ikkomunika mieghu u fl-ahhar kien qallu li ma kienx jimporta li l-esebizzjoni ma ssirx din is-sena u ssir is-sena d-diehla.

2.1.7 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li ghalkemm ma tkellmitx mal-artist innifsu, kellha informazzjoni li hu u l-familja tieghu kienu urtati. Qalet ukoll li hi kienet saret taf li l-esebizzjoni ser issir minn Dr Ray Debono Roberts il-gimgha li ntbaghtu l-inviti u ziedet tghid li hi kienet tal-

fehma li d-decizjoni tal-Kunsill kienet li l-esebizzjoni kellha ssir minn Luca Cauchi.

2.1.8 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li wara li ta l-ispjegazzjoni tieghu, hu ma jhoss li kiser l-ebda decizjoni tal-Kunsill.

2.1.9 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li hi xorta ma tistax tifhem ghalfejn kellu jaqa' artist minnhom.

2.1.10 Is-Sindku Nigel Holland qal li hu kien diga spjega x'kien gara u wiegeb li jekk ser tibqa' tinsisti fuq din il-materja, kien ser ikollu jitlob dikjarazzjoni tal-fatti bil-miktub ohra lil impjegat koncernat.

2.1.11 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li hi ma kinietx talbet dan izda hi kellha d-dmir li tghid dak li hassu l-familja tas-Sur Luca Cauchi u huma kellhom kull dritt ihossuhom urtati.

2.1.12 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li hi kienet tkellmet mal-Corporate Events Officer u qaltlu li ser tipproponi li l-esebizzjoni ssir mit-tnejn izda ftit wara kien rega kkuntattjaha fejn informaha li ll-inviti kienu hargu bid-dettalji li l-esebizzjoni kienet ser issir minn Dr Ray Debono Roberts.

2.2 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.4 (15) u saqsa jekk kienx hemm xi zvilupp. Il-Vici Sindku Matthew Paris wiegeb li kien ghad ma kellux cans jahdem fuq din il-materja u li kien ser jaghmel dan malajr kemm jista' jkun.

2.3 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.7 (15) u ppropona li l-Kunsill jghaddi fergha sabiex tkun tista' ssir CCTV Camera fuq il-book box u li jizdied id-dawl fiz-zona sabiex issir reading area. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li kien ser ikun hemm bzonn li tiddawwar camera milli hemm ezistenti minhabba li difficli issir camera gdida minhabba nuqqas ta cables. Il-Vici Sindku ppropona li din il-materja tigi diskussa f'waqtha peress li tinsab fuq l-agenda.

2.4 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja li tittratta z-zjara f'Macerata u saqsa jekk kinietx giet avvicinata kumpanija nazzjonali. Is-Sindku qal li din il-materja tigi diskussa f'waqtha peress li tinsab fuq l-agenda.

2.5 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 13.4 (15) u saqsa jekk kinietx giet mitluba kjarifika mill-Avukat tal-Kunsill. Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li l-Avukat tal-Kunsill kien ikkonferma li f'kaz ta' posti vojta f'attivitajiet godda, l-ewwel preferenza tista' tinghata lil residenti Furjanizi. Is-Sindku qal li l-posta tista' tinghata lil kull min ghandu l-karta tal-identita' tieghu fuq il-Floriana. Is-Sindku qal li hu kien ser jitkellem mas-Segretarju Parlamentari Jose Herrera sabiex tigi indirizzata l-ahhar bidla fil-ligi tal-gabbani fejn taghti lok ghall-abbuz.

2.6 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-materja nru 3.13.12 (15) u qara d-dikjarazzjoni li kienet giet mitluba lill-impjegat Godwin Azzopardi.

## 3.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

3.1 Is-Sindku Nigel Holland informa li kien kellu laqgha ma' Carina Dimech mill-MTA fejn giet diskussa l-materja tat-tnehhija tal-fanali minn fuq il-Fosos. Is-Sindku kompla jinforma li kien informat li l-MTA kienu hallsu somma flus lill-Enemalta biex jitnehhew u jergghu jitwahhlu l-fanali wara l-kuncert izda sal-lum kienu ghadhom ma gewx imwahhla.

3.1.1 Is-Sindku qal li wara dan kienet intbaghtet email mill-MTA fejn informaw lill-Enemalta

bil-ksur tal-kuntratt.

3.1.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li wara li tkellmet ma' Salvu Farrugia mill-Enemalta dan kien informaha li ll-fanali kienu ser jitwahhlu wara l-Isle of MTV.

3.1.3 Is-Sindku qal li l-Inginier Micallef mill-Enemalta kien bat korrispondenza lill-Kunsill fejn informa li t-tnehhija tal-fanali kienet suggett ta' kontroversja u li t-tnehhija u t-twahhil kontinwi taghhom m'humiex rakkomandati, anke abbazzi ta Sahha u Sigurta. L-Inginier Micallef informa wkoll li l-Enemalta ghalhekk kienet iddecidiet li jitnehhew il-fanali b'mod permanenti u minflokhom isiru floodlights.

3.1.4 Is-Sindku issa qal ukoll li l-Enemala qed tigdeb ghax infurmat lil MTA li hemm qbil mal-Kunsill li l-Fanali jitnehhew ghal-dejjem u flokom isiru ir-rifletturi. Is-Sindku kompla li din hija gidba grassa.

3.1.5 Il-Vici Sindku Matthew Paris issuggerixxa li l-Kunsill jerga' jipproponi li ssir byelaw li tikkontrolla l-uzu tal-Fosos. Huwa ppropona li ssir laqgha ma' min hu kkoncernat biex jigu diskussi dawn in-nuqqasijiet u problemi minhabba li jhoss li qed jinqalghu problemi fejn entita' governattiva tipprova tiddetta fuq entita' governattiva ohra.

3.1.6 Is-Sindku zied jghid ukoll li wara li tkellem mal-MTA, kien gie nformat li dawn il-fanali jinqalghu minhabba sigurta'. Hu qal li ma jhossx li dan hu minnu minhabba li jistghu isiru affarijiet ohra biex il-fanali ma jkunux ta' periklu minghajr ma jkollhom ghalfejn jitnehhew.

3.1.7 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li ghalhekk il-Kunsill ghandu l-problema fejn hemm talba mill-organizzaturi tal-Isle of MTV biex il-fanali ornamentali jitnehhew ghall-kuncert, l-Enemalta qed tirrifjuta li terga' twahhal il-fanali u l-korporazzjoni sahansitra marret oltre fejn qed tghid li dawn ghandhom jitnehhew b'mod permanenti u jigu sostitwiti bi floodlights.

3.1.8 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li ssir laqgha mal-Ministru tat-Turizmu u dan sabiex jigu diskussi dawn il-problemi.

3.1.9 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ipproponiet li l-laqgha ssir mal-Ministru responsabbli mill-Korporazzjoni tal-Enemalta.

3.1.10 Il-Vici Sindku Matthew Paris ippropona li nel frattemp jinhareg il-permess lill-MTA bil-kundizzjoni li l-fanali ma jinqalghux.

3.1.11 Il-Kunsill ma qabilx li ghandu jinhareg il-permess ghalissa qabel ma jigu ddeterminati certu affarijiet.

3.1.12 Il-Kunsillier Edward Torpiano ma qabilx li ghandha ssir laqgha mal-Ministri u ssuggerixxa li ssir konferenza stampa dwar din il-materja, izda ma kienx hemm qbil dwar dan.

3.1.13 Il-Kunsill qabel b'maggoranza li tintalab laqgha mal-Ministru responsabbli mit-Turizmu u li jigi mistieden ukolll il-Ministru responsabbli mill-Korporazzjoni tal-Enemalta.

3.1.14 Il-Kunsillier Edward Torpiano ppropona li jsir deadline ghall-iffissar tal-laqgha u dan minhabba li hemm urgenza ghall-hrug tal-permess tal-attivita' nazzjonali.

3.1.15 Is-Segretarju Ezekuttiv gibed l-attenzjoni tal-Kunsill ghall-fatt li kien qed jirrifjuta l-permess tal-Isle of MTV u qal li kienet diga inghatat konferma lill-organizzaturi ta kuncerti ohra (NNG Promotions) li t-talba ghall-permess taghhom kienet giet milqugha. Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li l-permess ma kienx qed jigi rrifjutat izda ghalissa kien qed jigi biss mizmum qabel ma jigu rizolti l-problemi prezenti.

3.1.16 Il-Kunsill ghalhekk qabel li ghandu jinforma lill-ministri kkoncernati li l-Kunsill Lokali Floriana ghadu mhux f'pozizzjoni li johrog il-permess relevanti minhabba din il-kwistjoni.

3.2 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li ser isir festival tan-nar fil-Belt Valletta nhar it-30 t'April 2013 u talab l-approvazzjoni tal-Kunsill ghall-hrug ta' permessi ta' gabbani peress li l-attivita' m'hiex wahda lokali.

3.2.1 Il-Kunsill qabel li ghandhom jinhargu permessi ghall-posti tal-gabbani wara li ssir diskussjoni mas-Supretendent Mamo.

3.2.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ipproponiet li ma jinhargux permessi ghall-gabbani li jbieghu ikel u xorb fiz-zona residenzjali u dan minhabba li l-irwejjah idejjqu lir-residenti. Qalet ukoll li ghandom jigu rrifjutati permessi lill-gabbani li jkollhom generator fiz-zona residenzjali minhabba l-istorbju.

3.3 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghal sodda tal-konkos fi Pjazza Sir Luigi Preziosi li ghalkemm ilha hemm, ricentement tnehhilha wkoll id-dawl adegwat. Is-Sindku qal li hemm bzonn li jsir xi haga. Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li ghandu jikkuntattja lil sidha hu.

3.4 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-korrispondenza minghand is-Sur Tony Zammit li talab li jqieghed gabbana ta' tourist information fi Vjal ir-Re Dwardu VII.

3.4.1 Il-Kunsillier Edward Torpiano ippropona li l-Kunsill itih permess ghall-gabbana mhux fixed u li jillimitalu d-dimensjonijiet tal-gabbana.

3.4.2 Il-Kunsill qabel li ghandu jwiegeb l-ittra tas-Sur Zammit u jinformah li qed jikkunsidra t-talba tieghu filwaqt li jissuggerilu li nel frattemp ghandu jaghmel il-verifiki necessarji mal-entitajiet kollha kkoncernati.

3.5 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Paragon Europe fejn offrew lill-Kunsill jippartecipa fi progett li jinkoragixxi l-uzu ta' vetturi tal-elettriku. Il-Kunsill qabel li ghandu jiehu sehem f'dan il-progett.

3.6 Is-Sindku Nigel Holland ressaq talba mis-Sur Martin Dalli li talab li l-Kunsill jipprovdi pots hdejn il-Floriana Young Stars Hockey Club. Il-Kunsill ma qabilx li ghandu jipprovdi pots fiz-zona msemmija.

3.7 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-kuncert Isle of MTV li ser isir dalwaqt. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li ssoltu jinhargu tmien permessi ghall-gabbani fi Triq Sarria. Il-Kunsill qabel li ghandu johrog l-istess ammont ta' gabbani bhas-snin imghoddija u li l-ewwel preferenza ghandha tinghata lil residenti Furjanizi, f'kaz ta bzonn permezz ta' polza. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jitlob l-ghajnuna tal-Pulizija fl-infurzar tal-harsien tal-ligi ta' sidien il-kiosks u dan biex jigi evitat l-abbuz.

3.8 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand TCTC fejn informa li l-korsijiet tal-Ikids ser jigu jammontaw ghal €575. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li l-kors ikun miftuh ghal tfal bejn il-5 u l-10 snin u li kull grupp ikun fi klassi ghalih.

3.8.1 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li ghal din is-sena, il-Kunsill ma joffriex dawn il-korsijiet u dan minhabba s-sitwazzjoni finanzjarja tieghu. Is-Sindku Nigel Holland ressaq mozzjoni sabiex ma jittellghux dawn il-korsijiet, issekondat mill-Kunsillier Edward Torpiano,

3.8.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ressqet kontromozzjoni biex dawn il-korsijiet jittellghu u dan minhabba li dan hu kors edukattiv u l-edukazzjoni ghandha tkun priorita', issekondata

mill-Kunsillier Vincent Borg. Ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 3 (DSH, VB, MP)
Kontra: 2 (NH, ET)
Astensjonijiet: 0

3.9 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand l-editur tal-gazzetta Il-Furjana fejn offrew lill-Kunsill li jwassal il-messagg tieghu t'awgurju fil-festa. Is-Sindku Nigel Holland qal li ghalkemm il-Kunsill qieghed f'qaghda finanzjarja mhux tajba, dan kien l-unika mezz li l-Kunsill jikkomunika mar-residenti Furjanizi.

3.9.1 Il-Kunsillier Vincent Borg issuggerixxa allura li l-Kunsill jibda johrog fuljett semplici li jitqassam fid-djar fejn kull kunsillier ikollu l-pagna tieghu.

3.9.2 Il-Kunsillier Vincent Borg ippropona li fil-qaghda finanzjarja prezenti tal-kunsill, titwaqqaf il-kontribuzzjoni lill-gazzetta Il-Furjana izda ma kien hemm l-ebda sekondant.

3.9.3 Is-Sindku Nigel Holland ressaq mozzjoni biex il-kontribuzzjoni tal-Kunsill tizdied minn €90 ghal €120 f'edizzjoni stampata bil-kulur, issekondat mill-Vici Sindku Matthew Paris, bir-rizultat kien:

Favur: 4 (NH, MP, DSH, ET)
Kontra: 1 (VB)
Astensjonijiet: 0

3.10 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill b'korrispondenza mibghuta fejn il-Kunsill gie nformat b'xi offerti ghal zjarat f'Ghawdex.

3.11 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand resident Furjaniz li talab li jinzabru s-sigar li hemm fi Pjazza Sir Luigi Preziosi minhabba li dawn igguffaw. Il-Kunsill ma qabilx li ghandhom jinzabru s-sigar iktar milli suppost sempliciment biex ma tkunx ristretta xi veduta.

3.12 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand resident Furjaniz iehor li ppropona li jhawwel xi xtieli li ghandu bil-kundizzjoni li s-sigar jithallew jiffullaw ftit. Is-Sindku zied jghid li r-resident kien qed jitlob li l-Kunsill jikkunsidra li jbiddel il-metodi taz-zabra tas-sigar. Il-Kunsill qabel li ghandu jressaq dan is-suggeriment lill-ELC filwaqt li jinforma lir-resident li l-Kunsill jimpjega nies esperti apposta biex jaghmlu z-zabra skont l-esperjenza taghhom fil-qasam.

3.13 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand l-iSkola Primarja rigward l-isports day. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili nformat lis-Sur Justin Haber kien offra li jisponsorja din l-attivita' sportiva li ssir b'kollaborazzjoni mal-Kunsill u ghalhekk il-Kunsill qabel li ghandu jitkellem mieghu dwarha sabiex jinhargu xi medalji f'isem il-Kunsill.

3.14 Is-Sindku Nigel Holland informa li mill-bins li tpoggew fuq il-Fosos mill Green MT, kienu nsterqu tlieta. Il-Vici Sindku Matthew Paris saqsa jekk kienx sar rapport lill-Pulizija u s-Segretarju Ezekuttiv wiegeb fl-affermattiv minn naha ta Green MT.

3.15 Il-Kunsillier Edward Torpiano ghamel riferenza ghal talba li kellu biex il-Kunsill jipprovdi kotba lil Learning Support Centre. Is-Sindku Nigel Holland qal li hu ser jissuggerixxi li jinghataw kotba mill-pubblikazzjonijiet tal-Kunsill u dan biex jigu ffrankati l-ispejjez. Qal ukoll li hu ma jhossx li l-Kunsill ghandu jkompli jghin entitajiet governattivi li jistghu isibu ghajnuna minghand il-Gvern innifsu.

3.15.1 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Edward Torpiano biex jinxtraw kotba apposta

liema spiza ma tammontax ghal aktar minn €50 u li jinghataw mill-Kunsill lil Learning Support Centre, issekondata mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili, bir-rizultat kien:

Favur: 4 (ET, DSH, VB, MP)
Kontra: 1 (NH)
Astensjonijiet: 0

3.16 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili informat lill-Kunsill li kienet giet ikkuntattjata mis-Segretarjat ta' Dr Stefan Buontempo fejn talbuha biex taghmel laqgha mal-ghaqdiet sportivi kollha tal-lokalita' liema laqgha kellha ssir nhar il-Gimgha fid-Dar tal-Kunsill. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni sabiex tinzamm laqgha.

3.16.1 Is-Sindku Nigel Holland qal li hu kien informat li ser issir laqgha ohra l-Gimgha mill-istess segretarjat fis-6pm u ghalhekk il-Kunsill qabel li ghandu jikkonferma.

## 4.0 Mistoqsijiet lis-Sindku

4.1 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet jekk kienux saru l-applikazzjonijiet necessarji quddiem il-MEPA sabiex jitnehhew xi sigar minn Pjazza Sir Luigi Preziosi. Is-Sindku wiegeb li ghadhom ma tressqux l-applikazzjonijiet ghalissa.

4.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet ghalfejn ma kienx gie mistieden is-Sur Alfio Sciberras ghar-riceviment ta' Jum il-Floriana. Il-Kunsillier Vincent Borg wiegeb li hu kien tkellem mal-impjegat Godwin Azzopardi dwar dan u dan kien informah li Alfio Sciberras ma kienx qed jirraporta ghax-xoghol minhabba li kien ma jiflahx u ghalhekk ma kienx gabar l-invit.

4.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hilli saqsiet dwar il-cameras tal-bring in sites fi Triq V. Dimech.

4.4 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hilli saqsiet jekk kienx indikat li l-bukkett tal-fjuri li tpogga quddiem l-istatwa tar-Redentur kien minghand il-Kunsill. Is-Sindku wiegeb li l-bukketti kollha li jaghti l-Kunsill johorgu b'tabella tal-Kunsill.

4.5 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-ammont ta' hofor tal-antarjoli tal-festa li jinsabu minghajr cover tal-hadid. Hu qal li ma jhossx li ghandu jkun il-Kunsill li jinvesti fl-ghotjin u qal li jekk dawn ser jibqghu miftuhin ser jissuggerixxi li t-toqob jimtlew bil-konkos. Is-Sindku wiegeb li jekk dawn qeghdin ta' periklu, il-Kunsill ghandu jaghmel rapport lill-Pulizija. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili pproponiet li dawn jinghalqu bit-tapp mill-Kunsill a spejjez tal-Knisja. Il-Kunsill qabel li ghandu jikteb ittra ufficjali lill-Arcipriet fejn jinformah b'dan il-periklu u jinformah ukoll li l-Kunsill jirriserva li jiehu l-passi kollha necessarji jekk dawn ma jinghalqux sat-tali gurnata.

4.6 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghal erba' bankijiet li kienu tnehhew minn fuq il-Fosos mill-Partit Nazzjonalista. Il-Kunsill qabel li ghandu jibda' l-proceduri legali ladarba diga ntbaghtet ittra ufficjali mill-Kunsill li baqghet minghajr risposta.

4.7 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa jekk hemmx xi bank li ma jintuzax mill-Kunsill u li jista' jinbiegh bi prezz nominali lill-Floriana Young Stars Hockey Club. Il-Kunsill qabel fil-principju u qabel li ghandu jivverifika jekk dan ikunx jista' jinbiegh jew jekk ghandiex tinhareg sejha ghall-offerti.

**Nota: 19:20 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat.**

## 5.0 Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati

5.1 Ma kien hemm l-ebda rapporti jew minuti mill-kumitati / sotto kumitati.

5.2 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li xtaq iressaq zewg membri ghas-sottokumitat ghall-Ordni pubbliku, Harsien tac-Cittadin u Relazzjonijiet mal-Pulizija ghall-approvazzjoni tal-Kunsill li huma: Vincent Borg u Joe Debattista. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

5.3 Il-Kunsillier Vincent Borg xtaq jipproponi sottokumitat iehor tal-gonna u soft areas. Il-Kunsill qabel li din ghandha titressaq f'mozzjonijiet.

## 6.0 Rapporti minn Ufficjali tal-Kunsill

6.1 Ma kien hemm l-ebda rapporti minn ufficjali tal-Kunsill.

## 7.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji

7.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza **78-05**, li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

7.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-pagamenti u saqsiet lis-Segretarju Ezekuttiv jekk ix-xogholijiet kienux saru kollha a sodisfazzjoni tal-Kunsill.

7.3 Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li kien hemm problema zghira biss f'cekk nru 143 (GARDMED), minhabba nuqqas ta' parts, izda x-xoghol ghandu jitranga.

7.4 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ipproponiet li c-cekk ma johrogx qabel ma jitlesta x-xoghol b'sodisfazzjon. Il-Kunsill qabel.

**Nota: 19:25 Is-Sindku Nigel Holland rega' rritorna ghal-laqgha.**

7.5 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li ma' din l-iskeda jixtieq izid pagament lil Frances Sant b'cheque numru 150 (GARDMED) ghal tindif ta' hamrija ta' Gnien Preziosi. Is-Sindku talab ukoll li jsir pagament iehor lil Wallace Pipes and Drums.

7.6 Is-Segretarju Ezekuttiv xtaq jirrimarka li l-pagamenti ta' fuq l-iskeda kienu kollha pagamenti dovuti sal-ahhar ta' Jannar u ghalhekk informa li ma kien hemm l-ebda pagamenti li jikkoncernaw ix-xhur ta' Frar, Marzu u April, minhabba nuqqas kbir ta fondi.

7.7 Il-Vici Sindku Matthew Paris innota li kien hemm xi pagamenti abbinati mac-Celebrazzjonijiet Nazzjonali ta' Lejliet l-Ewwel tas-Sena u saqsa jekk kienx gie saldat kollox mal-kuntratturi kollha. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li kien ghad fadal pagament minimu ta' €160.

7.8 Il-Vici Sindku Matthew Paris saqsa jekk kienx hemm xi zviluppi mil-laqgha ma' Justin Attard. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li kien kellu laqgha mieghu u kien intlahaq ftehim li s-Sur Attard jaghti risposta lill-Kunsill sa dakinhar fl-4pm izda l-Kunsill ma kien ircieva l-ebda risposta. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li diga jikkuntattja lill-Avukat tal-Kunsill rigward din il-materja.

7.9 Il-Vici Sindku Matthew Paris ippropona li tintbaghat ittra ufficjali bil-qorti sabiex il-Kunsill jinterrompi l-preskrizzjoni. Il-Kunsill qabel.

7.10 Il-Vici Sindku Matthew Paris informa li hu kien ser ikun qed jastjenni mill-approvazzjoni ta' pagament nru 63 minhabba kunflitt t'interess.

7.11 Is-Sindku Nigel Holland saqsa ghalfejn kien inhareg il-pagament lil Road Servicing peress li dawn ghad ghandom xi pendenzi. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li l-pagament li nhareg kien lir-Road Maintenance Ltd u mhux lir-Road Servicing Ltd.

7.12 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondat mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 11262 sa 11307 u minn 125 sa 150, bil-kundizzjoni li jinzamm ic-cekk nru 143 u li ma jinghatax il-pagament qabel ma jitlesta x-xoghol a sodisfazzjon tal-Kunsill, bir-rizultat:

Favur: 5 (VB, DSH, NH, MP, ET)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

7.13 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mill-Sindku Nigel Holland, minn zewg kunsillieri u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## <u>8.0 Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet</u>

**17/1 –** *Is-Sur Ray Attard irregistra l-garaxx tieghu mal-kunsill lokali għalhekk issa gie konformi mar-regoli tal-kunsill. Qed inressaq din il-mozzjoni sabiex il-planter li hemm fil-vicin tal-garaxx tieghu jew titnehha jew tigi mressqa ftit.*

Proponent – Davina Sammut Hili ______________________

Sekondant – Vincent Borg _______________________

Datata – 5 t'April 2013

8.1.1 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li l-planter li hemm f'din it-triq qieghed man-naha li jipparkjaw il-vetturi u ghalhekk hemm bzonn li jitnehha.

8.1.2 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li dan jitnehha.

---

**17/2 –** *Qed inressaq ukoll ghall-approvazzjoni taghkom sabiex it-tarmac li qed jinqala' fi triq il-Kapuccini jerg' jsir mill-gdid ( dan wara li l-haddiema tal-kunsill ghamlu dak kollu possibli)*

Proponent – Davina Sammut Hili ______________________

Sekondant – Vincent Borg _______________________

Datata – 5 t'April 2013

8.2.1 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li t-tarmac f'din it-triq qieghed jersaq bis-shana u t-toqol tal-vetturi u ghalkemm il-haddiema ppruvaw jirrimedjaw kif jistghu, jidher li hemm bzonn li jsir patching.

8.2.2 Il-Kunsill qabel li ghandu jinforma lir-Road Servicing sabiex isir il-patching necessarju.

---

**17/3 –** *Hemm bzonn isir tikhil ta' fili tal-bankina ta' Triq l-Imhazen specjalment hdejn il-Vilhena Apartments.*

Proponent – Davina Sammut Hili ________________________

Sekondant – Vincent Borg _________________________

Datata – 7 t'April 2013

**<u>Nota: 19:35 Il-Vici Sindku Matthew Paris talab li jkun skuzat.</u>**

8.3.1 Il-Kunsill qabel li ghandu jimpjega lill-haddiema tieghu sabiex isir it-tikhil ta' din il-bankina.

---

**17/4 –** *Is-central hanging ta' Triq Antonio Agius trid tinbidel kompletament pero Nexos jistghu biss Jaqduna billi issir wall mounted....nitlob l-approvazzjoni taghkom biex din issir ghax qeghda ta' periklu.*

Proponent – Davina Sammut Hili ________________________

Sekondant – Vincent Borg _________________________

Datata – 7 t'April 2013

8.4.1 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili informat li din is-central hanging qeghda ta' periklu u wiehed qed jistenna li taqa'. Qalet ukoll li wara li tkellmet mal-kuntrattur tal-Kunsill, jidher li m'hemmx iktar central hangings.

8.4.2 Is-Sindku qal li jixtieq ikellem lin-Nexos qabel ma tittiehed decizjoni finali.

**<u>Nota: 19:37 Il-Vici Sindku Matthew Paris rega' rritorna ghal-laqgha.</u>**

8.4.3 Il-Kunsillera Davina Sammut HIli irtirat il-mozzjoni sakemm issir il-verifika man-Nexos, Madankollu, il_Kunsill qabel, li jekk hi ta periklu, ic-Central Hanginghanda tigi maqluha temporanjament.

**<u>Nota: 19:40 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili talbet li tkun skuzata.</u>**

---

**17/5 –** *Kien hemm ilment minn residenti li karozzi kienu qed jidhlu fil-passagg li hemm bejn Binja Vilhena u l-Polverista. Ghaldaqstant jien qed nipproponi li titwahhal bollard li tkun bil-katnazz sabiex jekk ikun mehtieg tkun tista tinqala`.*

Proponent – Vincent Borg ______________________

Sekondant – Davina Sammut Hili _______________________

Datata – 9 t'April 2013

8.5.1 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li titwahhal bollard.

---

**17/6 –** *Jien qed nipproponi sabiex il-katusa li hemm fit-Triq il-Fosos ( hdejn l-Afga ) tigi miftuha ghax hija imblukkata u tigi ikkomnikata mal-bqija tal-katusa li hemm nizla min fuq il-bejt ta' l-Afga.*

*Din il-katusa tforni il-bir li hemm fil-vicin.*

Proponent – Vincent Borg ______________________

Sekondant – Davina Sammut Hili _______________________

Datata – 9 t'April 2013

**Nota: 19:43 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili regghet irritornat ghal-laqgha.**

8.6.1 Il-Kunsillier Vincent Borg issuggerixxa li l-Kunsill igib lil xi hadd sabiex jara x'jista' jsir.

8.6.2 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**Nota: 19:45 Il-Kunsillier Vincent Borg talab li jkun skuzat.**

## 9.0 Approvazzjoni tal-Pjan ta'Hidma 2013-2015

9.1 Wara mozzjoni mressqa milll-Vici Sindku Matthew Paris u ssekondat mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-Pjan ta' Hidma 2013-2015 bir-rizultat kien:

Favur: 4 (MP, DSH, ET, NH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

## 10.0 Assenjazzjoni ta` Karigi

10.1 Is-Sindku Nigel Holland qal li in vista tal-elezzjoni tal-kunsillier il-gdid Edward Torpiano, kien hemm bzonn li jergghu jigu kkunsidrati l-karigi u r-responsabbiltajiet.

10.2 Il-Kunsill qabel li l-Kunsillier Edward Torpiano ghandu jkun responsabbli minn MEPA; Housing u Qasam Socjali u Familja; Relazzjonijiet Lokali u Internazzjonali u Kultura.

10.33 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab ukoll li jkun responsabbli mill-kariga tal-Attivitajiet Socjo Kulturali izda s-Sindku Nigel Holland sostna li l-kariga tal-Attivitajiet ghandha tithalla wahda u dan anke biex ma tinholoqx konfuzjoni.

10.4 Il-Kunsill qabel li ll-kariga tas-Sahha ghandu jiehu r-responsabbilta' taggha s-Sindku Nigel Holland.

## 11.0 Bankini Triq il–Kapuccini

11.1 Is-Sindku Nigel Holland qal li fil-laqgha li kienet inzammet mal-Perit Farrugia, il-Kunsill kien talab lill-Perit biex isib soluzzjoni ghall-bankini jizolqu li hemm fi Triq il-Kapuccini u talab lill-Kunsillier Vincent Borg sabiex jivverifika mal-perit jekk kinietx instabet xi soluzzjoni. Il-Kunsill qabel.

## 12.0 Bollards Triq il-Miratur

12.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi ssuggerixxa li l-Kunsill isib xi tip ta' flower pot b'sahhtu differenti minn dawk t'issa peress li dawn kienu qed jitkissru u jkerrhu.

12.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris issuggerixxa li l-Kunsill jordna planters li jkunu inbuilt gol bankina billi tinqala' cangatura mill-kurduna.

12.3 Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob kwotazzjonijiet ghall-planters godda u ahjar.

12.4 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li ghalkemm ma jsibx oggezzjoni li jintalbu kwotazzjonijiet, gibed l-attenzjoni ghall-fatt li din ser tinvolvi spiza.

12.5 Il-Vici Sindku Matthew Paris ippropona li l-ewwel planters jitwahhlu hdejn it-22nd January u dan minhabba li ricentement kien hemm diversi ilmenti mir-residenti dwar din iz-zona.

12.6 Is-Segretarju Ezekuttiv ippropona li ssir xi haga li tista' ssir mill-haddiema tal-Kunsill simili ghal dawk il-bollards li saru ll-Belt Valletta.

**Nota: 20:30 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li jestendi l-laqgha b'siegha.**

12.7 Il-Kunsill qabel li ghandu l-ewwel igib stima ghall-planters u jivverifika jekk il-Kunsill jistax itaqqab fil-bankina jew fil-fil jew jekk ghandhomx jitwahhlu taht il-bankina.

## 13.0 BookBox

**Nota: Din il-materja giet diskussa qabel materja nru 10.0 u giet diskussa flimkien ma' materja nru 20.0 peress li z-zewg materji gew abbinati flimkien.**

13.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li hemm il-htiega li l-book box tkun f'zona mghassa mis-CCTV.

13.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal ukoll li jixtieq jipproponi idea ghaz-zona mhux uzata li giet imnaddfa ricentement fil-KGV.

**Nota: 19:50 Il-Kunsillier Vincent Borg irritorna ghal-laqgha.**

13.3 Il-Vici Sindku kompla billi qal li wara li mar fuq il-post jiehu l-measurements, ecc. Hu kien hareg bl-idea li l-Kunsill johrog expression of interest ghal min hu interessat jaghmel swimming pool u decking area f'din iz-zona, permezz ta' public private partnership dejjem jekk il-Kunsill jaqbel mal-idea.

13.4 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li hu jaqbel li hdejn il-book box, isiru l-bankijiet u z-zona ssir reading area u dan minhabba li jekk issir pool area ser ikun hemm problemi bhal kif ser jimtela' l-pool, il-manutenzjoni, ecc.

13.5 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li l-idea hija li l-Kunsill johrog sejha ghall-offerti u ghalhekk il-Kunsill mhux ser ikollu spejjez minhabba li l-amministrazzjoni tal-progett issir minn min jiehu l-offerta'.

13.6 Il-Kunsillier Vincent Borg esprima thassib fis-sigurta' tat-tfal li jkunu qed jilghabu l-bandli. Il-Vici Sindku wiegeb li l-Kunsill jista' jissalvagwardja dawn il-punti billi jaghmel kundizzjonijiet specjali mal-hrug tal-offerta'.

13.7 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili gibdet l-attenzjoni li l-picc li hemm fil-madwar diga qed jintuza minn Justin Haber Academy u ghalhekk jista' jkun hemm xi kunflitti jekk jizdied kuntratt iehor.

13.8 Il-Vici Sindku qal li hu jixtieq li l-Kunsill jikkunsidra li jesplora din il-possibilta' u ghalhekk ippropona li tinhareg expression of interest biex jara jekk dan il-progett jiggenerax interess qabel ma jiddiskuti iktar dettalji. Il-Kunsill qabel.

13.9 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li fir-rigward tal-book box ihoss li din xorta ghandha ssir fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V u ghalhekk il-Kunsill irid jara f'liema parti jixtieq ipoggiha.

13.10 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-Kunsill irid jara liema CCTV kien ser jdawwar biex taghti fuq il-book box.

**Nota: 20:05 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat.**
**Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.**

13.11 Il-Kunsill qabel li ghandu jmur fuq il-post sabiex jara fejn l-ahjar li titpogga l-book box u

liem CCTV camera jkun jista' jdawwar.

13.12 Il-Vici Sindku Matthew Paris saqsa jekk hemm xi skadenza relatata mal-progett tal-book box. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li kien hemm deadline u li ghandu jivverifika u jinforma lill-kunsillieri kollha l-gurnata ta' wara.

## 14.0 Gardmed

14.1 Il-Kunsillier Vincent Borg fetah id-diskussjoni billi ta rendikont zghir taz-zjara tieghu u tas-Segretarju Ezekuttiv fi Sqalijja.

**Nota: 20:10 Is-Sindku Nigel Holland rega' rritorna ghal-laqgha.**
**Il-Kunsillier Edward Torpiano rega' rritorna ghal-laqgha.**

14.2 Il-Kunsillier Vincent Borg informa li l-Kunsill Lokali Floriana kien gie mfahhar minhabba li kien vicin hafna tal-ideal tal-progett u qal li z-zjara kienet wahda pozittiva hafna.

14.3 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li minn din l-esperjenza kien qam punt importanti fejn irrizulta li kien fejn giet involuta il-komunita ta Siracusa, il-Comune t'hemm innota tnaqqis kbir tal-vandalizmu fil-gonna.

14.4 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li xtaq jiehu spunt minn dak li kien qed jinghad u semma li wara li kien tkellem mal-kuntrattur tal-Kunsill kien gie nformat li kien gabar ammont kbir ta' siringi mill-post li tnaddaf. Ghalhekk huwa ppropona li l-Kunsill jitlob lill-Pulizija sabiex jizdiedu r-rondi.

14.5 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li kien ghad fadal xi fondi x'jintefqu ghall-progett ta' GARDMED.

14.6 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li jinbidlu xi tabelli tal-gonna.

14.7 Matul il-laqgha hargu diversi suggerimenti fosthom li jinbidlu t-tabelli tat-toilets, isiru tabelli bl-isem tal-gonna, issir bandla ghall-persuni b'dizabbilta', issir information panel bl-isem tal-gnien, jinzebghu il-bibien u l-funtana, issir track madwar il-gnien, isir passju u snakes and leathers mal-art tal-gnien, isir open air gym, il-flooring tal-book box, ecc.

14.8 Il-Kunsill qabel li ghandu jmur fuq il-post u jikkunsidraw l-ideat kollha kif ukoll jinghata bizzejjed hin ghal ideat godda qabel ma tittiehed decizjoni finali.

## 15.0 Jum il-Floriana

15.1 Is-Sindku Nigel Holland qal li xtaq li jigu rregistrati r-rebbieha tal-premjijiet li nghataw f'Jum il-Floriana li huma:
Premju resident tas-Sena – Carmen Micallef
Premju ghaz-Zghazagh – Jessica Micallef
Premju ghat-Tfal – Mariah Attard
Premju Ghall-Kuragg – Lilian Frendo
Premju Ufficjal tal-Pulizija tas-Sena – PS549 Reuben Pace
Premju Mill-Kummerc ghal-Komunita` - Grand Hotel Excelsior

## 16.0 Memos Interni (MP)

16.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris fetah id-diskussjoni billi qal li hu kien talab li din il-materja titpogga fuq l-agenda minhabba li jhoss li l-procedura hemm bzonn li tinbidel.

16.2 Il-Vici Sindku qal li ghalkemm hu huwa favur li jkun hemm procedura espedita ta' kif jittiehdu d-decizjonijiet mill-Kunsill, ihoss li hemm bzonn li tinstab metodologija differenti.

16.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris zied jghid li kien hemm xi memos li ressaq hu fejn ma kellux risposta ghalihom u jhoss li s-silenzju f'dan il-kaz m'huwiex riposta favur.

16.4 Huwa kompla billi ssuggerixxa li kull memo interna jkollha proponent u sekondant.

16.5 Il-Vici Sindku qal ukoll li hu ma jaqbilx li titressaq lista ta' memos interni approvati/mhux approvati quddiem il-Kunsill b'lura. Qal li ghalkemm din titressaq, id-decizjonijiet mehuda, f'hafna kazi ma jkunux jistaw jigu irtirati.

16.6 Il-Vici Sindku qal ukoll li hu kontra d-dati ta' skadenzi u dan minhabba li l-ebda kunsillier m'ghandu l-poter jaghmel data ta' skadenza u jekk ma jkunx hemm risposta, hu ma jhossx li din ghandha titqies li l-kunsillier ma jkollux oggezzjoni.

16.7 Il-Vici Sindku qal ukoll li hu kontra decizjonijiet li jittiehdu bit-telefon b'maggoranza u dan ghax ghandu jigi informat kull kunsillier ladarba l-kunsillieri kollha ma jkunux prezenti ghal din id-decizjoni.

16.8 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li ghalkemm jahseb li l-Kunsill jiffunzjona sew u b'mod efficjenti, hemm bzonn li tizdied iktar il-komunikazzjoni.

16.9 Il-Vici Sindku Matthew Paris talab lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex ta' kuljum tibda' tintbaghat lista ta' permessi li jkunu hargu dakinhar lill-kunsillieri kollha u dan biex kull kunsillier ikun jaf x'xoghol u x'permessi jkunu saru.

16.10 Il-Vici Sindku qal li jixtieq li jekk il-memos interni ser ikomplu jintuzaw, hemm bzonn li l-procedura tittejjeb.

16.11 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li l-memos interni jintuzaw f'hafna dipartimenti kemm dawk tal-Gvern kif ukoll f'dawk privati.

16.12 Is-Sindku Nigel Holland qal li hu m'ghandu xejn kontra li ma jsirux iktar memos interni izda kulhadd jaf li jridu jittiehdu ghadd kbir ta decizjonijiet bejn laqgha u ohra tal-Kunsill, u allura il-Kunsillieri jridu ikunu preparati li jekk hemm bzonn issir laqgha laqgha kuljum. L-importanti huwa li x-xoghol tal-Kunsill jibqa' miexi u li l-Kunsill jibqa' jahdem b'mod efficjenti.

16.13 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li hi favur is-sistema ta' memos interni u ssuggeriet li kull memo interna li tigi approvata tigi mressqa quddiem il-Kunsill fejn kulhadd jerga' jkun informat bid-decizjoni li tkun ittiehdet.

16.14 Is-Sindku Nigel Holland qal ukoll li xi kultant ikun hemm bzonn li jintuzaw it-telefonati u l-memos interni minhabba li jkun hemm li jittiehdu decizjonijiet urgenti li ma jkunux jistghu jistennew sal-laqha tal-Kunsill li jmiss.

16.15 Il-Vici Sindku Matthew Paris wiegeb li hu kontra s-suggeriment tal-Kunsilliera Sammut Hili u dan minhabba li ladarba d-decizjoni tkun mittiehda u x-xoghol ikun sar, ikun inutli li l-Kunsill jerga' jkun informat biha.

16.16 Is-Sindku Nigel Holland qal ukoll li gieli kien hu li ma kienx informat b'xi decizjoni izda qatt ma kkritika jew ilmenta ladarba tkun inkisbet l-approvazzjoni tal-maggoranza tal-kunsillieri.

16.17 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li hu ma jaqbilx ma' dan minhabba li ladarba tkun ittiehdet decizjoni mill-Kunsill, jaf jew ma jafx biha, hu sar responsabbli minn din id-decizjoni daqs kull min approva u ghalhekk ihoss li ghandu jkun informat kulhadd u mhux biss il-maggoranza.

16.18 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li hi ma ssibx oggezzjoni li tinkiseb biss l-approvazzjoni tal-maggoranza tal-kunsillieri izda thoss li kull kunsillier ghandu jkun informat b'dak li jkun sar.

16.19 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li gieli jkun hemm xi xogholijiet urgenti li ma jkunux jistghu jistennew sal-laqgha u qal li ta' sikwit hu kien jitlob kwotazzjonijiet ghal xoghol li hemm bzonn isir u mbaghad jiccirkolahom b'email ghall-approvazzjoni tal-kunsillieri kollha. Huwa qal ukoll li kull kunsillier intitolat ghal indirizz tal-email tal-Gvern u ghalhekk kulhadd jista' jkollu access ghall-emails.

16.20 Il-Kunsillier Edward Torpiano qal li hu jhoss li l-memos interni jhaffu x-xoghol, specjalment meta l-materja tkun xi haga li ma tistax tistenna sax-xahar ta' wara.

16.21 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li hemm bzonn li tinstab sistema iktar effikaci biex jittiehdu decizjonijiet b'mod espedjat.

16.22 Il-Vici Sindku qal li hu qed jipproponi li ma jinhargux memos interni li jirrigwardjaw infiq ta' flus

16.23 Il-Kunsillier Borg qal li hu kontra din il-proposta u dan minhabba li bosta mid-decizjonijiet li jiehu l-Kunsill b'mod urgenti ser ikunu jinkludu l-flus. Huwa gab ezempju fuq xi xoghol ta manutenzjoni t'urgenza, xoghol li dejjem ikun jammonta xi flus.

16.24 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li hu mhux ser jippartecipa f'emails li jirrigwardjaw l-infiq tal-flus.

16.25 Il-Vici Sindku ssuggerixxa wkoll li kull memo interna jibda' jkollha wkoll sekondant bhall-mozzjoni.

16.26 Huwa qal ukoll li hu kontra d-data tal-iskadenzi u minflok, kulhadd ghandu jkun partecipi u jirrispondi bl-opinjoni tieghu.

16.27 Il-Kunsill qabel li ghandu jipprova jtejjeb il-procedura.

16.28 Il-Vici Sindku ssuggerixxa li din il-materja tigi diskussa wkoll waqt il-laqgha msejjha ma' Dr Jose Herrera fejn jigi propost li ssir emenda fil-ligi.

## 17.0 NYE + Christmas Village (MP)

17.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris ippropona li mal-expression of interest ta' c-Celebrazzjonijiet Nazzjonali ta' Lejliet l-Ewwel tas-Sena, jigi abbinat mieghu Christmas Village u dan biex l-offerent ikollu qligh finanzjarju sew.

17.2 Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni ghal din il-proposta.

**18.0 Laqghat Pubblici Triq Triq (MP)**

18.1 Il-Kunsill qabel li din il-materja ghandha titpogga fuq l-agenda tal-laqgha li jmiss minhabba restrizzjonijiet fil-hin.

**19.0 Skemi tal-Housing (MP)**

19.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li minhabba li ma kienx ghadda l-budget tal-Gvern, kien waqaf kollox min-naha tal-Housing u ghalhekk kien ghad hemm xi hlasijiet dovuti lill-Kunsill li kienu ghadhom ma hargux.

19.2 Huwa zied jghid li issa li l-budget kien ghadda, kien qed jistenna li l-Kunsill jinghata l-fondi dovuti lill-Kunsill jinghataw.

19.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris talab li l-progett ta' Triq l-Argotti u Triq l-Iljun jibqghu f'idejh ladarba kien bdiehom hu.

**20.0 Gnien KGV (MP)**

**Nota: Din il-materja giet diskussa f'materja nru 13.0 peress li z-zewg materji gew abbinati flimkien.**

**21.0 Sport Awards (DSH)**

21.1 Il-Kunsill qabel li din il-materja ghandha titpogga fuq l-agenda tal-laqgha li jmiss minhabba restrizzjonijiet fil-hin.

**22.0 Jum dinji tal-Ktieb (DSH)**

22.1 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili informat li nhar it-23 t'April 2013 ikun il-Jum Dinji tal-Ktieb u ssuggeriet li l-Kunsill jaghti ghotja ta' kotba lit-tfal tal-iskola Primarja.

22.2 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li jinghata ktieb lil kull student/a u lil-librerija tal-iskola.

**23.0 Courses Godda (DSH)**

23.1 Il-Kunsill qabel li din il-materja ghandha titpogga fuq l-agenda tal-laqgha li jmiss minhabba restrizzjonijiet fil-hin.

**24.0 Tindif u Zamma tal-Gonna (VB)**

24.1 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li hu kien bat email lill-kunsillieri kollha rigward proposta ta' multa lill-kuntrattur Karl De Flavia.

24.2 Is-Sindku qal li hu kien minghalih li l-proposta ghall-multi kollha kienu ser jitressqu waqt

laqgha tal-Kunsill u mhux permezz ta' memo interna.

24.3 Il-Kunsillier Borg issuggerixxa li l-kuntrattur Karl De Flavia jigi mmultat ghal dawn in-nuqqasijiet: gonna ma kienux qed jinfethu u jinghalqu fil-hin; latrini kienu mahmugin; haxix hazin hdejn Binja Vilhena li baqa' ma tnehhiex; subways mhux qed jinfethu u jinghalqu skont il-kuntratt.

24.4 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Vincent Borg favur l-ghoti ta' penali ghan-nuqqasijiet fil-kuntratt moghti lil Karl De Flavia, issekondat mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili, ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 4 (VB, DSH, MP, NH)
Kontra: 1 (ET)
Astensjonijiet: 0

## 25.0 Zjara F'Macerata

25.1 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghal decizjoni mittiehda mill-Kunsill f'laqgha precedenti fejn gie ssuggeriet li l-Kunsill itella' persuna ohra mas-Sindku ghaz-zjara f'Macerata.

25.2 Is-Sindku qal li hu kien tkellem ma' Conrad Cutajar u saqsih jekk kienx lest li jhallas it-titjira tieghu hu. Is-Sindku zid li t-titjira ma kinietx ser tigi tammonta ghal hafna u li l-Kunsill kellu allokazzjoni annwali ghall-gemellaggi.

25.3 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili biex il-Kunsill ihallas it-titjiriet ta' Conrad Cutajar ghaz-zjara f'Macerata, issekondat mill-Kunsillier Edward Torpiano, ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 4 (DSH, ET, NH, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 1 (MP)

## 26.0 Gnien il-Mall

26.1 Il-Kunsill qabel li din il-materja ghandha titpogga fuq l-agenda tal-laqgha li jmiss minhabba restrizzjonijiet fil-hin.

## 27.0 Asfaltar u Bankini f'Balzunetta

27.1 Il-Kunsill qabel li din il-materja ghandha titpogga fuq l-agenda tal-laqgha li jmiss minhabba restrizzjonijiet fil-hin.

## 28.0 Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat

28.1 Il-Kunsill qabel li din il-materja ghandha titpogga fuq l-agenda tal-laqgha li jmiss minhabba restrizzjonijiet fil-hin.

## 29.0 Housing fil-Floriana

29.1 Il-Kunsill qabel li din il-materja ghandha titpogga fuq l-agenda tal-laqgha li jmiss minhabba restrizzjonijiet fil-hin.

## 30.0 Aġġornament tal-laqgħa

30.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar l-Erbgha 15 ta' Mejju 2013 fil-5.30pm.

Il-laqgha ntemmet fid-21.35.

Nigel Holland<br>Sindku

Svetlick J. Flores<br>Segretarju Ezekuttiv